# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħatal-Kunsill LokaliĦal Safi

It-TmienLeġiżlatura

Laqgħa Numru 11/2023

11 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Lokalita'Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

UffiċċjalPreżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**11.0 Qari tal-ittrita'apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ma kienx ser jattendi għal laqgħa għaliex kien qiegħed rikoverat l-isptar, waqt li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla avżat li kienet ser tidħol aktar tard għal laqgħa. Huma ġew skużati.

**11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti**

Il-Kunsillieriqablufuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li ref punt 10.2.4 (charging pillars) il-Kunsill kien bagħat post alternattiv jiġifieri Triq l-Ibraġġ minflok Misraħ il-Knisja. Is-Sindku qal li issa kellhom jiġu jiċċekjaw il-post jekk hux addattat u wara jinfurmaw il-Kunsill.

Is-Sindku qal li ref punt 10.2.2 (storm water culverts) kien għadu qed jistenna r-rapport mingħand il-Peritta' IM sabiex tiġi konfermata li ser issir Triq is-Summien.

Is-Sindku spjega li ref punt 10.2.5 (tabella Misraħ San Ġużepp) il-Kunsill kien irċieva konferma kif għandhom isiru t-tabelli li għandna bżonn.

Is-Sindku kkonferma li l-linji tal-parkeġġi fi Triq l-Iskolaref punt 10.2.6 (pparkjar ta' vettura fil-kantuniera) kienu saru.

Is-Sindku qal li ref punt 10.2.10 (ostakolu tal-bankina 'l isfel mill-parkeġġ fi Triq Qerd in-Naħal) il-Kunsill kien kellem lill-Community Police dwar dan l-ilment.

**11.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

11.2.1 Is-Sindku kkonferma linhar il-Ħadd 17 ta' Settembru, 2023 kienet ser tiġi organizzata l-Clean Up day. Huwa kkonferma li min kien ser jattendi kienu ser jiltaqgħu quddiem il-Kunsill sabiex nitilqu minn hemm.

11.2.2 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Green Up il-Kunsill kien irċieva stedina oħra din id-darba bejn it-18 u 21 ta' Marzu, 2024 fil-Bulgaria. Huwa spjega li 'l quddiem il-Kunsill kellu jara min kien ser jattendi.

Is-Sindku qal li mal-istess proġett meta jkun imiss li Malta tospita d-delegazzjonijiet, dawn ser iżuru Malta bejn 11 u 14 ta' Novembru, 2023 u li kienu ser jiġu f'dan iż-żmien propju meta l-Kunsill kien ser jorganizza Festa Familja.

11.2.3 Is-Sindku qal li huwa kien attenda laqgħa l-MIA airport minħabba li kienet ser tiġi organizzata l-Airshow. Huwa spjega li Safi Aviation Park kienet ser tiġi organizza Static Airshow u minħabba f'hekk Triq Carmelo Caruana kienet ser tkun magħluqa għat-traffiku kompletament is-Sibt 23 u l-Ħadd 24 ta' Settembru, 2023.

11.2.4 Is-Sindku qal li xtaq li jinforma l-Kunsill liTriq Carmelo Caruana li hija Triq Distubitorja, c-CEO l-ġdid tal-INDIS ma kienx qed jaċċetta li jwettaq l-manutenzjoni tal-istess triq. Is-Sindku spjega li kien bagħat diversi komunikazzjonijiet u jekk ikun hemm aktar zviluppi kien serjavża lil Kunsill.

11.2.5 Is-Sindku spjega li kienet ser issir laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru fis-2:30pm minħabba l-proġett Slow Streets, u rigward it-tarmak li konna tlabna waqt laqgħa li l-Kunsill kellu ma Infrastructure Malta.

11.2.5 Is-Sindku għadda l-kwotazzjonijiet li l-Kunsill kien ġabar sabiex il-Kunsill jixtri pompa biex inkunu nistgħu ntellgħu l-ilma li hemm fil-ġiebja ta' Misraħ San Ġużepp. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li billi l-ġiebja hija fonda 40 pied biex tkun paxxuta l-pompa kien jinħtieġ li tkun tiflaħ tippompja ftit aktar ilma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu l-pompa Ġermaniża għaliex kienet tilħaq l-ispeċifikazzjonijiet kollha.

11.2.6 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 15 ta' Ottubru, 2023 flimkien mar-Reġjun Punent il-Kunsill kien ser jorganizza Olive Picking Activity. Huwa spjega li f'din l-attivita' ser jinġabariż-żebbuġ li għandna Ta'Amparell u f'żoni oħra. Għal din l-attivita' s-Sindku qal li l-Kunsill xtaq li jinvolvi t-tfal tal-iskejjel.

Is-Sindku għarraf li għall-attivita tal-Olive Picking Activity, ir-Reġjun Punent ser ikun qiegħed jagħtina l-għajnuna finanzjarja li hemm bżonn sabiex issir l-attivita'.

11.2.7 Is-Sindku qal li s-sena l-oħra meta l-Kunsill kien ibbukkjasabiex isir it-tiżjin tal-Milied. il-kuntrattur kien qalilna li ħafna mit-tiżjin sabiħ li kellu kien diġa'ttieħed minn Kunsilli oħra, għalhekk issuġġerixxa biex ma jerġax jiġrix l-istess il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet u jikkonferma x-xogħol kemm jista' jkun kmieni. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu kwotazzjoni għal tiżjin fil-pjazza u f'Żurrieq Road lill-kuntratturi, filwaqt li l-Każin inqabbduhom jarmaw l-arbli fil-pjazza, d-daħla ta' Ħal Safi u Misraħ San Ġużepp.

11.2.8 Is-Sindku qal li kien irċieva lment minn persuna li kien skiddja hu u għaddej minn mar-roundabout li għandna fi Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku qal li din

il-persuna kienet qed tissuġerixxa linji ikkuskjati sofor. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naraw ma Transport Malta sabiex tittieħed deċiżjoni.

**11.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

11.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward iż-żebbuġa li hemm quddiem il-Kappillan. Is-Sindku kkonferma li minn naħa tal-ERA diġa' kienu ġew jagħmlu spezzjoni u qalulna li għandha bżonn *heavy pruning*.

11.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx staqsa lil Projects Green jekk jagħmlux tisqija tas-soft areas. Is-Sindku kkonferma li Projects Green kienu kkonfermaw li t-tisqija li jagħmlu kienu ta' proġetti li kienu involuti fihom huma stess.

11.3.3 Il-kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif qiegħed jintuża u l-frekwenza tal-pubbliku tad-Dog Park. Is-Sindku kkonfermali kienu qed jiffrekwentawh numru sabiħ ta' nies u li sa issa ma kienx ġie rrapurtat ebda abbuż. Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema kienu qed imorru jiċċekjawu jnaddfu id-Dog Park tlett darbiet fil-ġimgħa, għalhekk apparti c-CCTV kien qed jiġi sorveljat tajjeb ħafna.

11.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-ilment li kien għadu kemm daħħal persuna joqgħod qrib il-Kunsill. Is-Sindku spjega li fil-ġimgħa tal-festa kien hawn xi tfal li kissru t-toilet tal-latrina. Huwa spjega li l-ġenituri tat-tfal kienu lesti li jħallsu għal ħsara li kienu wettqu u issa l-Kunsill kien ser jixtri toilet ġdid.

11.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif kienu qed jaħdmu l-waterculverts issa li kienet għamlet ix-xita. Is-Sindku qal li fil-fatt ma kinitx ghamlet ħafna xita pero kien innota li Triq l-Iskola kantuniera ma Triq iż-Żurrieq kien qed iżomm ftit ilma u li kien bagħat rapport lill-Peritta' IM biex tieħu azzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun jaf jekk jaħdmux il-culverts biss meta tagħmel kwantita' ta'xita.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal-laqgħa fis-17.43

11.3.6 Il-Kunsillier Mark Cocker skużaruħu dwar xi affarijiet li kienqal fl-aħħar laqgħa dwar ir-rotot tal-karozzi tal-linja in-naħa tal-ġnien Dun Karm Vella. Is-Sur Cocker skuża ruħu jekk kien xi ftit iebes, u bl-ebda mod ma xtaq li jweġġa lilxi ħadd bi kliemu. Fil-fehma tiegħu pero' ħass li l-affarijiet ma sarux sewgħal mod kif għaddew il-karozzital-linja wara li sema bir-rispons tar-residenti għar-rotta tal-karozzi tal-linja u kif daru mal-ġnien.

Is-Sindku qal li fil-laqgha precedenti hu kien wera r-rotta minn fejn se jghaddi t-trasport pubbliku waqt il-laqgha tal-Kunsill u kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha dwar din ir-rotta. Jista' jkun li bi zvista nesa' jsemmi li riedu jitnehhew xi parkeggi biex tkun jista' jdur it-trasport pubbliku. Pero' dawn il-parkeggi kellhom jitnehhew biss ghal ftit granet sakemm tghaddi l-festa. Filfatt l-ghada tal-festa stess dawn il-parkeggi regghu saru kif kienu. Is-Sindku qal li kien hemm persuna li kellu aġenda personali għaliex ma jixtieqx li t-trasport pubbliku jgħaddi minn quddiemu u qala' dak il-pandemonju fuq il-Facebook ghax hu ma juzax it-trasport pubbliku. Il-Kunsill reġa'ddiskuta r-rotta tal-karozzi tal-linja kif għaddew waqt il-ġranet tal-festa.

11.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien ftiehem li fil-festa tal-Vitorjajittellgħu l-bnadar. Is-Sindku kkonferma libi żvista ma konniex tellagħniha.

11.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar is-Sibt 10 ta' Settembru, il-Kunsill kien organizza ġurnata Sqallija. Hija kkonfermat li attendew numru sabiħ ta' nies u kienu ħadu pjaċir ħafna.

11.3.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 24 ta' Settembru, 2023 kien ser ikun hawn il-Blood Donation Unit Bank.

11.3.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet fil-laqgħa preċidenti kienet semmiet li ser jiġu organizzati mixjiet madwar ir-raħal flimkien mal-gwida. Hija qalet liissa kien l-aktar żmien biex jibdew isiru l-mixjiet.

11.3.11 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li Heritage Malta jorganizza Underground Valletta u xtaqettorganizza ħarġa speċifikament għal dan il-għan.

**11.4 Għeluq ta' Kont Bankarju tal-Bank of Valletta**

Is-Segretarju qalet li l-Kunsill kellu kont bankarju (BOV a/c 17905433011) li assolutament ma kienx qiegħed jintużaregolarment (dormant account)u l-Kunsill kien qiegħed jeħel penali ta' €35fis-sena għax kien *dormant*. Hija kienet qed titlob li l-Kunsill jieħu reżoluzzjoni sabiex dan l-imsemmi kontbankarju (BOV a/c 17905433011) jingħalaq u l-flus jiġu trasferiti fis-SavingsAccounttal-BOV (a/c 17905433024). Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u qabel li jingħalaq dan il-kont għalkollox.

**11.5 (Long Outstanding Debtors) Provision of amount €1,303**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kellu lista ta' debituri li ilhom fuq il-kotba tal-Kunsill għal aktar minn sena li huma:

| | |
|---|---|
| Dinbros | €200 |
| GreenPak | €42 |
| Innovations Limited | €368 |
| Joe Cachia | €168 |
| Local Government Dept | €60 |
| MagicCleanDiscountDetergent Shop €42 | |
| Marlon Balzan | €21 |
| ProjekteClobal Limited | €200 |
| Tower Ironmongery | €84 |
| WasteServ Malta Ltd | €118 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġerixxietli dan il-bilanċ pendenti fit-tuljitneħħa mill-kotba tal-Kunsill uli l-Kunsill diġa' għamel diversi tentattivi sabiexjirkupra dawn l-ammontita' flus. Il-Kunsill iddiskuta u iddeċieda li jitneħħew mill-kotba tal-Kunsill.

**11.5 Ġnien Dun Karm Vella**

Is-Sindku qal li kien iddiskuta il-proġett tal-parkeġġ taħt l-art flimkien ma Projects Ġreen sabiex il-Kunsill jara jekk kinitx possibbli li napplikaw u nwettqu l-proġett ta' Ġnien Dun Karm Vella b'parkeġġ taħt l-art. Is-Sindku qal li Projects Green kienu kkonfermaw li bħalissa l-fondi kienu qed jingħataw biss fuq proġetti ta' gonna u open spaces u mhux biex isiru underground parkings. Il-Kunsill iddiskuta jekk għandniex nibqgħu ninsistu fuq l-possibilta' li nwettqu l-parkeġġ taħt l-art jew inkella nagħmlu embellishment tal-Ġnien biss. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel li għandna napplikaw sabiex nagħmlu embellishment tal-Ġnien biss.

**11.6 Festa Familja**

Is-Sindku qal li kien jinħtieġ li l-Kunsill jibda jaħseb sabiex norganizzaw Festa Familja għaliex jekk jgħaddi aktar żmien ikun diffiċli li nagħmluha. Huwa spjega li kien talab għal kwotazzjonijiet sabiex ikollna organiser li jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinvolvi l-għaqdiet kollha li għandna. Il-Kunsill qabel.

**11.7 Ħatra Bord Kuntratt Xiri ta' Vann**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal xiri ta' vann kienet għalqet u li l-Kunsill kien irċieva offerta waħda biss. Hija qalet li kien jinħtieġ li l-Kunsill jaħtar bord għall-evalwazzjoni tal-istess offerta. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill kollu jkun parti mill-bord bis-Sindku bħala Chairman.

**11.8 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**10.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-19.42. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru, 2023 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv